# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Numru 1112/2022 NC**

**Fl-Atti tar-Rikors ippreżentat fil-21 ta' Novembru 2022 in segwitu tal-Ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 745/2021 fl-ismijiet:**

**Dr Abigail Bugeja bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta' estera Shenlong Maritime Pte. Ltd. liema soċjeta' hija reġistrata ġewwa Singapore b'indirizz 11/12 EON Shenton, Singapore 079188**

**vs.**

**Macon Shipping and Trading Limited**

**Digriet kamerali mogħti llum, it-Tlieta 20 ta' Diċembru 2022**

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tas-soċjeta' rikorrenti Macon Shipping and Trading Limited (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fil-21 ta' Novembru 2022 fejn talbet lil din il-Qorti s-segwenti:

*"Għaldaqstant in vista tal-premess l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. B'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 836(1)(d) u/jew (f) tal-Kap. 12 tirrevoka u tħassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 745/2021 fl-ismijiet premessi fir-rigward tal-esponenti;*

*2. F'każ li jidhrilha li ma jirriżultawx il-massimi għat-tħassir, tottempera l-ammont tal-mandat ta' sekwestru sureferit;*

*3. Tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 836(8)(d) fil-konfront tas-soċjeta' Shenlong Maritime Pte. Ltd. rappreżentata mill-mandatarju speċjali Dr Bugeja u tikkundanna l-istess soċjeta' għall-ħlas ta' penali ta' mhux inqas minn €1,164.69 u mhux iżjed minn €6,988.12;*

*4. F'każ li ma jiġux milqugħa t-talbiet preċedenti, b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 838A tal-Kap. 12, tordna lis-soċjeta' Shenlong Maritime Pte. Ltd rappreżentata mill-mandatarju speċjali Dr Bugeja sabiex tagħti entro terminu li jiġi lilha prefiss, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi imposta u ta' danni u imgħax, u jekk tonqos, li jneħħi l-att kawtelatorju.*

*U dan taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjeż."*

Rat id-digriet tagħha tal-24 ta' Novembru 2022 (*a fol.* 11) fejn il-Qorti ordnat notifika tar-Rikors lill-intimata Dr. Abigail Bugeja noe li ġiet mogħtija żmien sebat (7) ijiem min-notifika sabiex tippreżenta Nota li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li tixtieq tippreżenta.

Rat ir-Risposta ta' Dr. Abigail Bugeja bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta' estera Shenlong Maritime Pte. Ltd. (*a fol.* 12 *et seq.*) ippreżentata fit-12 ta' Diċembru 2022 fejn oġġezzjonat għat-talbiet hekk kif kontenuti fir-Rikors promutur.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan ir-Rikors.

Rat l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 745/2021 fl-ismijiet **Dr. Abigail Bugeja noe vs. Macon Shipping and Trading Limited** u kif ukoll l-atti tal-kawża fl-istess ismijiet (Numru 541/2021 NC).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tibda billi tinnota li mill-atti proċesswali, inkluż dawk tar-Rikors Maħluf bin-Numru 541/2021 NC, jirriżulta s-segwenti:

- is-soċjeta' rikorrenti Macon Shipping and Trading Limited ilha f'relazzjoni kummerċjali mas-soċjeta' intimata Shenlong Maritime Pte. Ltd. għal numru ta' snin fejn is-soċjeta' rikorrenti kienet tipprovdi ekwipaġġi għat-tbaħħir fuq il-vapuri tas-soċjeta' intimata;

- ir-relazzjoni kummerċjali hawn fuq imsemmija tant kibret li s-soċjeta' rikorrenti bdiet toffri s-servizzi tagħha esklussivament lis-soċjeta' intimata;

- is-soċjeta' intimata, is-soċjeta' rikorrenti u wħud mill-membri tal-ekwipaġġ offrut daħlu fi ftehim ta' self fejn is-soċjeta' intimata sellfet somom ta' flus lill-membri tal-ekwipaġġ u s-soċjeta' rikorrenti Macon Shipping and Trading Limited kienet qed tiggarantixxi tali self;

- fis-sena 2020 bdew iqumu numru ta' kwistjonijiet fejn skont is-soċjeta' rikorrrenti, is-soċjeta' intimata ma kinitx qed tosserva l-obbligi tagħha lejn l-ekwipaġġ hekk kif sanċiti fil-*Crew Agreements*;

- minħabba l-fatt li allegatament is-soċjeta' intimata naqset milli tottempera ruħha mal-*Crew Agreements*, is-soċjeta' rikorrenti itterminat il-kuntratt;

- in segwitu tal-ħruġ tal-mandat *de quo*, permezz ta' Ċedola ta' Depożitu (Dok. "B" – *a fol.* 27) ippreżentata fit-8 ta' Ġunju 2021 il-bank Lombard Bank Malta p.l.c. iddepożita s-somma ta' €3,316.65 taħt l-awtorita' tal-Qorti.

**Ikkunsidrat**

Illi, kif ingħad diversi drabi fi proċeduri simili bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Għalhekk, mhuwiex meħtieġ li f'dan l-istadju l-Qorti tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-mandat.

Illi *di fatti* fil-provvediment mogħti fid-29 ta' Lulju 2005 fil-proċeduri **Fl-Atti tal-Mandat Kawtelatorju bin-Numru 494/2005 maħruġ fil-21 ta' Marzu 2005 fl-ismijiet Therese Mangion Galea vs. Desmond Stanley Stewart** (Numru 336/2005), il-Qorti qalet:

> "Qabel xejn, għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv."

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa sabiex teżamina t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti Macon Shipping and Trading Limited waħda waħda.

**<u>L-Ewwel (1) Talba</u>**

Illi f'din l-ewwel talba s-soċjeta' rikorrenti titlob li jiġi mħassar u revokat il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 745/2021 u dan *ai termini* ta' Artikolu 836(1)(d) u/jew (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

<u>Artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (Jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* ġustifikat jew ikun eċċessiv)</u>:

Illi taħt din il-kawżali s-soċjeta' rikorrenti qed tilmenta li l-ammont mitlub fil-mandat mhuwiex ġustifikat minħabba li fil-*Crew Agreements* hemm indikat li l-liġi applikabbli hija dik Ingliża waqt li d-disputi jridu jiġu riferuti għall-arbitraġġ u konsegwentement Malta mhux il-forum kompetenti. Is-soċjeta' rikorrenti tilmenta li s-socjeta' intimata qed tagħmel *forum shopping* minħabba li kawża hawn Malta tiswa anqas minn kawża l-Ingilterra.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għal provvediment mogħti fil-21 ta' Diċembru 2012 **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 1655/12 fl-ismijiet Edward Vella vs. Charles Deguara** (Numru 1111/2012) fejn ingħad hekk:

> "Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimat eżekutant għandux bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel ma' l-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[1].
>
> Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa

[1] Ara P.A. RCP 29.11.2001 fil-kawża fl-ismijiet **Vincent Mercieca vs. George Galea**.

> xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx ta' bilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat[2]."

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti tinnota li jirriżulta li d-disputa bejn il-partijiet hija naxxenti mill-fatt li s-soċjeta' intimata sellfet komplessivament lill-impjegati tas-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' €260,000 hekk kif jirriżulta minn premessa bin-numru għaxra (10) tar-Rikors promotur (*a fol.* 1 *et seq.*). Jirriżulta li minn dan l-ammont is-soċjeta' rikorrenti tħallset l-ammont ta' €242,227.67 liema ammont ġie paċut mis-soċjeta' rikorrenti ma' ammont li allegatament is-soċjeta' intimata kienet taf lilha.

Illi mill-mandat ta' sekwestru *de quo* jirriżulta li l-ammont kawtelat huwa dak ta' €242,227.67 liema ammont huwa identiku għall-ammont indikat preċedentement. Meħud dan in konsiderazzjoni jirriżulta *prima facie* li l-ammont kawtelat fil-mandat *de quo* mhuwiex wieħed eċċessiv u konsegwentement sa fejn it-talba tas-soċjeta' rikorrenti hija msejsa fuq din il-kawżali, din ser tiġi miċħuda.

<u>Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (Jintwera li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli)</u>:

Illi sabiex issostni l-pożizzjoni tagħha u ċioè li t-talba tagħha tinkwadra fil-kuntest ta' Artikolu 836(1)(f) in eżami, is-soċjeta' rikorrenti tressaq l-argument li l-mandat ma għadux jibqa' fis-seħħ minħabba li qed jintuża bħala mezz ta' "*arm twisting*" minkejja li s-soċjeta' intimata taf li l-ammont mitlub mhuwiex dovut. Skont is-soċjeta' rikorrenti dan jirriżulta mill-fatt li s-soċjeta' intimata ma ħallsitx l-ammonti dovuti minnha u li skont it-termini tal-kuntratt ta' self din it-transazzjoni kienet regolata minn forum u liġijiet differenti.

Illi fuq din il-kawżali l-Qorti tagħmel riferenza għal provvediment mogħti fil-21 ta' Diċembru 2012 fil-proċeduri **Fl-Att tar-Rikors**

---

[2] Ara, per eżempju, PA GV 6.12.1999 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Salvino Farrugia noe vs. Exalco Holdings Ltd**.

**għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1255/2012 fl-ismijiet C & F Building Contractors Limited vs. Alfred Baldacchino Limited** (Numru 945/2012) fejn il-Qorti diversament preseduta spjegat is-segwenti:

> "Din id-dispożizzjoni timplika li, wara l-ħruġ tal-mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ.[3] Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-mandat issa m'għadux il-każ."

Illi l-Qorti taqbel ma' dak appena kkwotat u ser tapplikah għal każ odjern b'dana illi minn analiżi tal-argumenti mressqa mis-soċjeta' rikorrenti ma jirriżulta l-ebda bdil fiċ-ċirkostanzi li wasslu għall-ħruġ tal-mandat. B'hekk *stante* li s-soċjeta' rikorrenti ma ndikat l-ebda bidla fiċ-ċirkostanzi li wasslu li jintlaqa' il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo*, din il-Qorti ma ssibx li anqas din il-kawżali ma hija mistħoqqa.

**<u>It-Tieni (2) Talba</u>**
**<u>(Temperament ta' l-ammont imsemmi fil-mandat)</u>:**
Illi fit-tieni talba tagħha s-soċjeta' rikorrenti titlob temperament ta' l-ammont imsemmi fil-mandat in kwistjoni. In vista ta' dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti mhux ser tinvesti wisq ħin fuq din it-talba u stante li l-ammont jidher ġustifikat, il-Qorti hija tal-fehma li ma hemm l-ebda ħtieġa għalfejn għandu jkun hemm temperament tal-ammont imsemmi fil-mandat *de quo* u b'hekk il-Qorti ser tiċħad din it-talba.

**<u>It-Tielet (3) Talba</u>**
**<u>(Impożizzjoni ta' Penali *ai termini* ta' Artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta)</u>:**
Illi f'din it-talba s-soċjeta' rikorrenti titlob li jiġi impost fuq is-soċjeta' intimata dak li jipprovdi Artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-

---
[3] Ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Dr. Tonio Fenech noe vs. Dr. Patrick Spiteri et noe et**.

Liġijiet ta' Malta u ċioè l-impożizzjoni tal-penali minħabba li t-talba tkun saret b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.

Illi s-soċjeta' rikorrenti ssejjes it-talba tagħha fuq il-fatt li t-talbiet tas-soċjeta' intimata ġew imressqa quddiem il-ġurisdizzjoni ħażina minħabba li l-forum Malti jiswa anqas mill-forum indikat fil-kuntratt. Is-soċjeta' rikorrenti tgħid ukoll li s-soċjeta' intimata mhux ser jirnexxilha tiġġustifika l-ammont imsemmi fil-mandat.

Illi s-soċjeta' intimata tiċħad li l-mandat inħareġ b'malizzja u tirreferi għall-atti tar-Rikors Maħluf bin-Numru 541/2021 NC sabiex issostni l-argumenti tagħha fejn issemmi li d-diretturi tas-soċjeta' rikorrenti ammettew li rċevew il-flus.

Illi f'dan ir-rigward issir riferenza għal provvediment mogħti fis-7 ta' Lulju 2004 fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd. vs. Paolo Bonnici Ltd** (Numru 492/2002) fejn il-Qorti qalet hekk:

> "Din il-Qorti, għalhekk, fil-waqt li tista' taqbel li ċ-ċirkustanzi ta' meta min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju jista' jinstab responsabbli għad-danni, mhux limitati għal dak provdut fl-artiklu 836(8) tal-Kap. 12, tħoss li r-responsabilita' trid toħroġ mill-applikazzjoni tal-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), b'mod li jkun responsabbli biss jekk jaġixxi b'imprudenza, b'negliġenza jew mhux bil-ħsieb ta' *bonus paterfamilias*. Din il-pożizzjoni tidher li kienet abbraċċjata wkoll minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Imħallef (illum President Emeritus) Joseph Said Pullicino fil-kawża **"Spiteri vs. Camilleri"**, deċiża fl-10 ta' Jannar 1992. F'dik il-kawża ġew riaffermati s-segwenti prinċipji:
>
> […]
>
> *"(d) Illi tali abbuż jiġi riskontrat biss f'każijiet eċċezzjonali u dan kważi dejjem f'każijiet ta' vessatorjeta' ("<u>Emanuele Calleja vs. Carmelo Grima</u>" – Kollez. Vol. XXXIX.I.24) nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negliġenza gravement kolpuża ("<u>Agius vs Dott. Carbone nomine</u>" – Kollez. Vol. XIII.434), fejn min ikun*

> *adixxa lill-Qorti għall-ħruġ ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaża fuq ċirkostanzi manifesti "priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non é sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite" ("Mugliette vs Bezzina" – Kollez. Vol. XXVI.I.405)"".*

Illi l-Qorti ma jirriżultalhiex li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo* sar b'malizzja jew b'mod frivolu jew vessatorju. Il-Qorti tgħid dan minħabba li mad-daqqa t'għajn jidher li s-soċjeta' intimata għandha dritt x'tikkawtela u fil-fatt ipproċediet b'kawża sabiex tikkawtela tali dritt. Għal kull buon fini, il-Qorti tinnota li dan qed jingħad biss fuq bażi *prima facie* u li l-Qorti mhijiex tesprimi ruħha bl-ebda mod fuq il-mertu tal-każ.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq u l-atti proċesswali, kemm tar-Rikors odjern u kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo*, il-Qorti mhijiex tal-fehma li jeżistu l-elementi neċessarji sabiex tiddikjara li mandat in kwistjoni nħareġ bi ksur ta' Artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk isegwi li anke t-talba in eżami ser tiġi miċħuda.

**Ir-Raba' (4) Talba**
**(Impożizzjoni ta' garanzija xierqa a tenur ta' Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta)**:
Illi permezz ta' din it-talba s-soċjeta' rikorrenti titlob li tiġi imposta fuq is-soċjeta intimata garanzija *ai termini* ta' Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-soċjeta' rikorrenti ssejjes din it-talba fuq il-fatt li minħabba l-mandat ta' sekwestru *de quo* hija sfat bil-kontijiet bankarji kollha mblukkati u minħabba dan la tista' tħallas pagi u lanqas it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kif ukoll qed tiġi mfixkla fin-negozju ma' ħaddieħor. Is-soċjeta' rikorrenti tkompli torbot ukoll l-argument tagħha mal-fatt li l-ammont pretiż mhuwiex ġustifikat u li tali garanzija sservi sabiex tibbilanċja l-oneri imposti fuqha.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għal provediment mogħti fil-21 ta' Diċembru 2012 fl-ismijiet **Edward Vella vs. Charles Deguara** (Numru 1111/2012) u li diġa' sar riferenza għalih aktar 'il fuq fejn ingħad hekk:

> "Illi dwar il-kwestjoni tal-għoti tal-garanzija mill-intimat eżekutant, l-eżekutat ma jagħti l-ebda raġuni għaliex il-Qorti għandha tilqa' t-talba tiegħu. Jidher li joqgħod fuq l-istess żewġ argumenti li fuqhom bena t-talbiet tiegħu għat-tħassir tal-Mandat;
>
> Illi l-Qorti hija tal-fehma li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ[4]. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn;
>
> Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu.[5] Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni;
>
> Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju[6], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ mandat kawtelatorju u l-istess mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma jitnisslux

[4] Ara P.A. RCP 30.5.2002 fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet **Joseph Demicoli vs. Coleiro General Supplies Ltd**.
[5] Ara P.A. TM 4.10.2002 fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet **Paul Caruana vs. Rudolphe Gaerty**.
[6] Ara P.A. GC 2.3.2001 fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet **Avukat Vincent Falzon noe vs. Alex Sullivan**.

raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni[7] minħabba l-istess mandat."

Illi l-Qorti tirreferi wkoll u tagħmel tagħha dak li ngħad fit-12 ta' Settembru 2019 fil-proċeduri **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 964/2019 fl-ismijiet Dr. Henri Mizzi pro et noe vs. Jebmed Srl**, fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet is-segwenti:

"Illi dwar it-talba tar-rikorrenti eżekutata għall-għoti ta' garanzija irid jingħad li l-liġi trid li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu[8]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili[9];

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-eżekutat jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju u bħala konsegwenza ta' tali ħruġ[10], u dment li jikkonkorru l-elementi mitlub mil-liġi għal tali likwidazzjoni.

Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi ffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju u biex tħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra tagħha jinħareġ dak il-mandat. Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija mhijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni: l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta u jekk tintemm proċedura jew kawża għal dan il-għan, issib

---

7 Ara P.A. TM 18.9.2002 fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet **John Zarb vs. Port Cottonera Ltd**.
8 Ara P.A. GC 4.10.2002 fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet **Paul Caruana vs. Rudolphe Gaerty**.
9 Ara P.A. TM 18.9.2002 fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet **John Zarb vs. Port Cottonera Ltd**.
10 Ara P.A. GC 2.3.2001 fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet **Avukat Vincent Falzon noe vs. Alex Sullivan**.

assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi deċiżjoni favorevoli għaliha".

Illi wara li l-Qorti qieset il-pożizzjoni tal-partijiet, filwaqt li tikkonkludi illi s-soċjeta' rikorrenti ma ressqet l-ebda prova tad-danni li ġarrbet u qed iġarrab, tikkonkludi wkoll li ma rnexxilhiex iġġib prova ta' *"raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti"* illi jistgħu jikkostitwixxu *"kawża ġusta"* illi a bażi tagħha l-Qorti għandha tordna illi titħallas garanzija. B'hekk isegwi li l-Qorti ser tiċħad ukoll ir-raba' (4) talba tas-soċjeta' rikorrenti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet kollha tas-soċjeta' rikorrenti eżekutata Macon Shipping and Trading Limited hekk kif kontenuti fir-Rikors promutur.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mis-soċjeta' rikorrenti eżekutata Macon Shipping and Trading Limited

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**